MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2014

Appell Civili Numru. 95/2011/1

**Salvina sive Sylvia Bugeja**

**Vs**

**Direttur Generali (Taxxi Interni)**

Il-Qorti,

Fit-08 ta' Lulju 2013, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat

is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti:-*

*Rat ir-Rikors ipprezentat minn Salvina sive Sylvia Bugeja fit-22 ta' Marzu 2011 permezz ta' liema titlob li l-Qorti: (i) tiddikjara li t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni dedotta fl-ittra ufficjali datata 27 ta' Settembru 2010, hija intempestiva, nulla u bla ebda effett u ghalhekk infondata; u (ii) tordna li hija tigi mqieghda fl-istat quo ante ghad-data tal-hrug ta' l-Avviz ta' Likwidazzjoni tat-Taxxa datat 16 ta' Frar 2010, sabiex b'hekk jkollha l-fakoltà u l-opportunità li timxi skond dak li trid il-Ligi, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxi Interni;*

*Rat ir-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra taghha, stante li: (i) minn verifiki li saru fi hdan id-Dipartiment jirrizulta li l-Avviz ta' Likwidazzjoni tat-Taxxa ghall-finijiet ta' l-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta inhareg mill-Kummissarju u gie mibghut lir-Rikorrenti permezz tal-posta registrata fis-16 ta' Frar 2010 fl-indirizz indikat mill-istess Rikorrenti fl-Avviz DDT1; (ii) skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 61 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imsemmi Avviz ta' Likwidazzjoni tat-Taxxa ghandu jigi meqjus validament nnotifikat mhux iktar tard mit-tielet jum wara d-data li jigi impostat b'dan illi l-oneru tal-prova kuntrarja jinkombi fuq ir-Rikorrenti; (iii) kull meta d-Dipartiment jibghat korrispondenza li ghal xi raguni jew ohra ma tasalx ghand id-destinatarju, id-Dipartiment jircievi lura dik il-korrispondenza b'notament ta' l-Ufficcju Postali f'dak is-sens, izda f'dan il-kaz id-Dipartment qatt ma rcieva lura l-Avviz ta' Likwidazzjoni tat-Taxxa li huwa kien baghat lir-Rikorrenti; u (iv) jsegwi ghalhekk li l-imsemmi Avviz ta' Likwidazzjoni tat-Taxxa huwa effettivament finali u konklussiv skond il-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta u t-taxxa u taxxa addizzjonali fuq dokumenti u trasferimenti fl-ammont ta' €2,300 hija dovuta mir-Rikorrenti fl-intier taghha;*

*Rat l-affidavit tar-Rikorrenti u d-dokumenti annessi mieghu esebiti permezz ta' Nota pprezentata fl-10 ta' Ottubru 2011 a fol. 14 sa' 82 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Ivan Portelli in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2011[1], ix-xhieda ta' Alex Frendo in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2011 u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "AF1" a fol. 90 tal-process, rat id-dokument a fol. 91 sa' 95 tal-process markat Dok. "SB1", semghet ix-xhieda ta' George Saliba[2] u ta' Peter Borg[3] moghtija waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2012 u rat id-dokumenti esebiti minn George Saliba markati bhala Dok. "GS1" a fol. 113 sa' 118 tal-process, rat l-affidavits ta' Carmen Bugeja u ta' Jesmond Lauro esebiti permezz ta' Nota pprezentata fis-7 ta' Marzu 2012 a fol. 22 sa' 24 tal-proces, rat id-dokument esebit mir-Rikorrenti permezz ta' Nota pprezentata fit-8 ta' Mejju 2012 a fol. 37 sa' 39 tal-process u rat l-atti ta' l-ittra ufficjali datata 24 ta' Settembru 2010 esebiti mir-Rikorrenti bhala Dok. "SSB1" permezz ta' Nota pprezentata fit-12 ta' Gunju 2012 a fol. 44 sa' 51, semghet ix-xhieda ta' Albert Debono moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Gunju 2012[4], semghet ix-xhieda in kontro-ezami tar-Rikorrenti[5] u ta' Carmen Bugeja[6] moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Dicembru 2012;*

*Rat li b-Digriet datat 20 ta' Marzu 2012 giet ordnata korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u kull fejn mehtieg fil-proceduri fis-sens illi "il-Kummissarju tat-Taxxi Interni" jigi indikat bhala "il-Kummissarju tat-Taxxi";*

*Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrenti a fol. 62 sa' 75 tal-process u s-sentenza fl-ismijiet "W&M Zammit Tabona Limited v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" Appell Nru. 14/08 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Appell Mill-Bord dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fis-27 ta' Novembru 2009 annessa man-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrenti u rat in-Nota Responsiva tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) a fol. 98 sa' 101 tal-process;*

---

1 Fol. 83 u 84 tal-process.

2 Fol. 25 u 26 tal-process.

3 Fol. 27 tal-process.

4 Fol. 52 sa' 55 tal-process.

5 Fol. 58 u 59 tal-process.

6 Fol. 60 u 61 tal-process.

*Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;*

***Ikkunsidrat:***

*Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti qed tattakka d-dikjarazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni notifikata lilha b'ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 24 ta' Settembru 2010, fejn jiddikjara li huwa kreditur taghha fis-somma ta' €2,300 minnha dovuta bhala likwidazzjoni finali u konklussiva ta' taxxa fuq dokumenti u trasferimenti ai termini ta' l-Artikolu 60 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement tattakka wkoll il-procedura adottata fil-konfront taghha ghall-fini li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jottjeni titolu ezekuttiv kontriha a tenur ta' l-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ir-Rikorrenti tibbaza l-azzjoni odjerna fuq l-affermazzjoni li l-procedura istitwita mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront taghha hija intempestiva, nulla u bla effett fil-Ligi u konsegwentement infondata stante li l-Avviz ta' Likwidazzjoni tat-Taxxa datat 16 ta' Frar 2010 in konnessjoni mat-trasferiment tal-fond Nru. 33 "Leo Love" Triq Melqart, Marsaxlokk, bis-sahha ta' kuntratt datat 21 ta' Lulju 2009, ma jistax jitqies li hu finali u konklussiv a tenur ta' l-Artikolu 60 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi dak l-istess Avviz ta' Likwidazzjoni tat-Taxxa qatt, qabel ma gie notifikat bl-ittra ufficjali kontestata, ma gie notifikat lilha kif rikjest fl-Artikolu 54 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk ma kellhiex l-opportunità toggezzjona u tappella mill-istess Avviz ta' Likwidazzjoni tat-Taxxa ai termini ta' l-Artikolu 56 et sequitur tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum id-Direttur Generali (Taxxi Interni), da parte tieghu jikkontendi li l-Avviz ta' Likwidazzjoni tat-Taxxa mahrug ai termini ta' l-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta gie notifikat lir-Rikorrenti fl-indirizz minnha stess provdut u fi kwalunkwe kaz in-notifika ta' l-Avviz ta' Likwidazzjoni tat-Taxxa tirrizulta kkonfermata mill-fatt li d-Dipartiment tat-Taxxi Interni ma rceviex dik il-korrispondenza lura b'xi notament ta' l-Ufficcju Postali dwar in-nuqqas ta' konsenja ta' l-istess. Konsegwentement ghalhekk il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), jikkontendi li l-Avviz ta' Likwidazzjoni tat-Taxxa datat 16 ta' Frar 2010 mahrug kontra r-Rikorrenti huwa finali u konklussiv u b'hekk l-ammont ta' €2,300 huwa dovut mir-Rikorrenti fl-intier tieghu.*

*Qabel ma tidhol fil-meritu tal-proceduri l-Qorti tqis li jkun opportun li ssir korrezzjoni ulterjuri fl-okkju ta' dawn il-proceduri u kull fejn mehtieg fl-atti,*

*sabiex jigu debitament riflessi l-partijiet li ghandhom interess f'din il-kawza u fir-rigward ta' min din id-decizjoni ghandha taghmel stat. Originarjament dawn il-proceduri kienu gew istitwiti fil-konfront tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni izda in segwitu ghall-promulgazzjoni ta' l-Att XXII ta' l-2011 u pubblikazzjoni ta' l-Avviz Legali 16 ta' l-2012, b'Digriet datat 20 ta' Marzu 2012 saret korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens illi l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni gie indikat bhala Kummissarju tat-Taxxi. Madanakollu però b'Ordni ta' Delega ta' Funzjonijiet relattiv ghall-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap. 517 tal-Ligijiet ta' Malta, ippubblikat fil-harga tal-Gazzetta ta-Gvern ta' l-20 ta' Lulju 2012, gie provdut illi* ***skond is-setghat moghtija mis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, il-Kummissarju tat-Taxxi bi qbil tal-Ministru responsabbli ghal finanzi, qieghed hawn jiddelega d-drittijiet, id-doveri, is-setghat u l-funzjonijiet, inkluza r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern moghtija lilu mis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 3 ta' l-imsemmi Att, hawn aktar 'il quddiem imsejhin "id-drittijiet", kif gej: (a) id-drittijiet taht l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, l-Att dwar il-Monte di Pietà, l-Ordinanza dwar Haddiema d-Deheb u Haddiema l-Fidda (Argentiera), l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti, u kull regolament maghmul tahtom, ghandhom ikunu vestiti fl-ufficjal li minn zmien ghal zmien jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali (Taxxi Interni). … Din l-Ordni u d-delegi maghmula tahtha ghandhom issehhu b'sehh mill-20 ta' Jannar 2012.***

*Ai termini ta' l-Artikolu 3(5) tal-Kap.517 tal-Ligijiet ta' Malta* ***il-Kummissarju ghandu jkollu r-rapprezentanza legali u giudizzjarja tal-Gvern fid-dokumenti, atti giudizzjarji u azzjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-gbir ta' taxxa u ma' kull kwistjoni ohra li id-dipartimenti tat-taxxa jkollhom interess fiha, kemm-il darba dik ir-rapprezentanza ma tkunx giet delegata skond is-subartikolu (4).*** *Mill-precitat Ordni però johrog car li b'effett mill-20 ta' Jannar 2012, il-Kummissarju tat-Taxxi ddelega din ir-rapprezentanza giudizzjajra in kwantu rigwarda fost ohrajn taxxa li ghandha tingabar taht u kwistjonijiet*

*ohra nascenti mill-Att dwar it-Taxxa Fuq id-Dokumenti u Trasferimenti, Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, lid-Direttur Generali (Taxxi Interni). Ghalhekk bis-sahha ta' dik l-Ordni l-interessi tal-Kummissarju tat-Taxxi fil-proceduri in ezami llum jinsabu vestiti fid-Direttur Generali (Taxxi Interni).*

*F'dan ir-rigward jigi ulterjorment osservat illi ai termini tar-Regolament 2 ta' l-Avviz Legali 173 ta' l-2012 – Regolamenti ta' l-2012 dwar l-Ekwivalenza ta' Certi Referenzi ghall-Karigi fid-Dipartimenti tat-Taxxa –* ***il-kliem imnizzel fl-ewwel Kolonna ta' l-iSkeda ghandu, f'kull att gudizzjarju jew azzjoni giudizzjarja u f'kull kommunikazzjoni notifikata jew indirizzata lil xi dipartiment tat-taxxa u f'kull kommunikazzjoni mibghuta minn xi dipartiment tat-taxxa, jitqies li huwa ekwivalenti u li ghandu l-istess tifsira u effetti legali bhall-kliem imnizzel fl-istess partita fit-tieni Kolonna ta' l-iSkeda dan b'mod illi l-kliem uzat fiz-zewg kolonni ta' l-istess partita ghandu jkollu l-istess tifsira u effett ghall-finijiet kollha tal-Ligi.*** *B'hekk skond l-iSkeda ta' dawk ir-Regolamenti l-kliem jew ahjar desinjazzjoni "Kummissarju tat-Taxxi Interni" hija ekwivalenti ghad-desinjazzjoni "Direttur Generali (Taxxi Interni)".*

*Fil-kaz in ezami però bid-Digriet ta' l-20 ta' Marzu 2012 l-intimat gie indikat bhala Kummissarju tat-Taxxi u ghalhekk il-principju ta' l-ekwivalenza appena imsemmi ma jistax jigi applikat. B'hekk sabiex dawn il-proceduri jkunu effettivament jirriflettu l-partijiet li attwalment ghandhom interess fihom u d-decizjoni odjerna taghmel stat fil-konfront taghhom jehtieg li ssir korrezzjoni ulterjuri fl-okkju u kull fejn mehtieg fl-atti tal-kawza fis-sens illi id-desinjazzjoni "Kummissarju tat-Taxxi" tigi kancellata u sostitwita bid-desinjazzjoni "Direttur Generali (Taxxi Interni)".*

*Trattata din il-kwistjoni jehtieg issa jigi trattat il-mertu ta' dawn il-proceduri u cioè jekk huwiex minnu jew inkella le dak pretiz mir-Rikorrenti li l-procedura ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta adottata fil-konfront taghha mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni,*

*illum Direttur Generali (Taxxi Interni), hi intempestiva, nulla u bla effett fil-Ligi u konsegwentement infondata stante li l-Avviz ta' Likwidazzjoni tat-Taxxa datat 16 ta' Frar 2010 mahrug kontriha in konnessjoni mat-trasferiment tal-fond Nru.33 "Leo Love" Triq Melqart, Marsaxlokk, ma giex notifikat lilha kif rikjest fl-Artikolu 54 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ir-Rikorrenti tikkontendi li hi qatt ma setghet tigi notifikata bl-Avviz ta' Likwidazzjoni tat-Taxxa datat 16 ta' Frar 2010 ghaliex l-istess Avviz intbaghat fl-indirizz 33, "Leo Love" Triq Melqart, Marsaxlokk, li kien l-indirizz tal-fond minnha trasferit lil Albert Debono u martu Mary Debono fil-21 ta' Lulju 2009 u konsegwentement minnha vakat mat-trasferiment. Fir-rigward fl-affidavit[7] taghha r-Rikorrenti tghid* ***minn dakinar (cioè mill-21 ta' Lulju 2009) 'il quddiem ghalhekk il-post ta' Ghawdex*** *[dak minnha akkwistat minghand Albert Debono u martu Mary Debono fil-21 ta' Lulju 2009]* ***gie tieghi u jiena bdejt ingorr l-ghamara fih, ghamiltlu xi xoghlijiet ta' maintenance (li kienu sahansitra finanzjati minn Albert Debono), kont zbajtu, u sahansitra kont ukoll biddilt l-ID Card tieghi ghal fuq dan il-post f'Ghawdex. Ukoll, mill-21 ta' Lulju 2009 'il quddiem il-post f'Marsaxlokk gie ta' Alfred Debono u martu Mary.***

*Dak affermat mir-Rikorrenti fl-affidavit taghha gie ikkonfermat minn ommha Carmen Bugeja li fl-affidavit[8] taghha ddikjarat* ***minn Lulju 2009 'l quddiem, minhabba dan il-bejgh, binti ma baqghetx tghix fid-dar taghha gewwa Marsaxlokk, izda kienet bdiet iggorr l-affarijiet taghha fid-dar li kienet xtrat gewwa Ghawdex. Naf ukoll illi binti kienet dawwret l-ID Card taghha fuq id-dar il-gdida f'Ghawdex minn xi zmien qabel ma kien sar il-kuntratt,*** *u mill-gharus taghha Jesmond Lauro li fl-affidavit[9] tieghu ddikjara* ***jiena naf illi f'Lulju 2009 Sylvia kienet xtrat post f'Ghawdex u kienet bieghet il-post taghha ta' Marsaxlokk, jigifieri 33, "Leo Love" fi Triq Melqart. Li naf fic-cert huwa illi minn dakinhar 'il quddiem Sylvia ma ressqet qatt aktar lejn id-dar l-antika taghha ta' Marsaxlokk u bdiet tirranga u timla' bl-ghamara l-post il-gdid li kienet akkwistat. Naf illi meta Sylvia kienet ghadha fuq il-konvenju sabiex takkwista l-post ta' Ghawdex, hi kienet marret tbiddel l-ID card taghha minn fuq 33 "Leo Love" Triq Melqart, Marsaxlokk, ghal fuq l-indirizz il-gdid taghha gewwa Ghawdex (8, Door H, Triq Miegel Bahar, Marsalforn).***

---

[7] Fol. 15 sa' 19 tal-process.

[8] Fol. 23 tal-process.

[9] Fol. 24 tal-process.

*Bhala prova ulterjuri tal-fatt li b'effett minn Lulju 2009 u addirittura minn qabel dak ix-xahar, hija ma kenitx ghadha registrata fuq il-fond 33 "Leo Love" Triq Melqart, Marsaxlokk, ir-Rikorrenti pproduciet bhala xhud lil George Saliba, rapprezentant ta' l-Ufficju Elettorali, li waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2012*[10] *iddikjara li* ***Sylvia Bugeja fit-18 ta' Gunju 2007 kienet ghamlet l-indirizz ghal fuq 33, "Leo Love" Triq Melqart, Marsaxlokk, u ta' dan jiena ser nesebixxi kopja mir-Registru Elettorali*****[11]*****. Imbaghad fit-22 ta' Mejju 2009 ghamlet tibdil fl-indirizz ghal Door H, Flat 8, Triq Migel il-Bahar, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex. Fil-25 ta' Marzu 2011 kien hemm tibdil ta' indirizz iehor ghal fuq 61 "Monte Carlo" Triq il-Kajjik, Marsaxlokk, fejn ghadha registrata sal-gurnata ta' llum.***

*Bi prova ulterjuri ta' dan kollu u anke sabiex tirribatti dak li rrizulta mix-xhieda ta' Alex Frendo, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2011*[12] *u mid-dokument minnu esebit a fol. 90 tal-process, u cioè il-prova li l-Avviz ta' Likwidazzjoni tat-Taxxa datat 16 ta' Frar 2010, gie effettivament ikkonsenjat, ir-Rikorrenti ressqet bhala xhud li Albert Debono li waqt is-seduta tat-12 ta' Gunju 2012*[13] *ikkonferma li b'effett mill-21 ta' Lulju 2009, ossia mid-data tat-trasferiment tal-fond 33 "Leo Love" Triq Melqart, Marsaxlokk, ir-Rikorrenti ma baqghetx tirrisjedi f'dak il-fond u ddikjara li ebda wiehed mill-haddiema li kellu jahdmu fil-fond ma kien awtorizzat jircievi korrispondenza ghan-nom tieghu jew ghan-nom tar-Rikorrenti.*

*Kemm-il darba l-Qorti kellha tieqaf hawn fil-konsiderazzjonijiet Taghha necessarjament ikollha tikkonkludi li r-Rikorrenti tidher li hi gustifikata fil-lanjanzi taghha fir-rigward tal-pretensjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), u tal-procedura minnu istitwita kontriha stante li ma hemmx dubju li b'effett mill-21 ta' Lulju 2009. Hija ma baqghetx tghix fil-fond Nru.33 "Leo Love" Triq Melqart, Marsaxlokk. Izda, mill-kontro-ezami tar-Rikorrenti stess*[14] *jirrizulta dettal importanti li jaghti xejra kompletament differenti ghall-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum.*

---

10 Fol. 25 u 26 tal-process.

11 Fol. 113 sa' 118 tal-process.

12 Fol. 101 tal-process.

13 Fol. 52 sa' 55 tal-process.

14 Seduta ta' l-10 ta' Dicembru 2012, fol. 58 u 59 tal-process.

*In kontro-ezami u fuq mistoqsija tad-difensur tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) dwar jekk meta bieghet il-fond Nru.33 "Leo Love" Triq Melqart, Marsaxlokk, kenitx ghamlet re-direction of mail mal-Maltapost, ir-Rikorrenti rrispondiet iva mela.* ***Dik li thallas il-flus biex il-posta li tmur hemm tintbaghat hemm.*** *U ghad-domanda ulterjuri dwar ghal fejn giet re-directed il-posta taghha, ir-Rikorrenti rrispondiet* ***ghand il-mummy hux, f'Montecarlo 61, Triq il-Kajjik, Marsaxlokk.*** *Dawn l-affermazzjonijiet jaghtu tifsira ghal kollox differenti ghall-kontenut tad-dokument Dok. "AF1" esebit minn Alex Frendo a fol. 90 tal-process.*

*In effetti minn dak id-dokument jirrizulta ferm car li ghall-korrispondenza li inbaghtet bil-posta registrata fit-18 ta' Frar 2010, ossia d-dokument bin-numru IV112290 indirizzat lil Salvina sive Sylvia Bugeja, li huwa appuntu l-Avviz ta' Likwidazzjoni tat-Taxxa mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront tar-Rikorrenti u mibghut ghan-notifika jew konsenja fl-indirizz 33 "Leo Love" Triq Melqart, Marsaxlokk, kien hemm zewg tentattivi ta' konsenja li ma rnexxewx, senjatament fid-19 ta' Frar 2010 u fl-20 ta' Frar 2010, izda wara li din il-korrispondenza giet re-directed fl-20 ta' Frar 2010 giet finalment konsenjata skond l-istruzzjonijiet tar-re-direction fl-24 ta' Frar 2010. Skond ma rrizulta mix-xhieda in kontro-ezami tar-Rikorrenti l-uniku indirizz fejn tali dokument seta' gie kkonsenjat wara li l-istess gie re-directed minn fuq l-indirizz 33 "Leo Love" Triq il-Melqart, Marsaxlokk, kien l-indirizz 61, Montecarlo, Triq il-Kajjik, Marsaxlokk, li huwa l-fond residenzjali ta' ommha.*

*Ghalkemm huwa veru li r-Rikorrenti tichad li qatt irceviet dan l-Avviz ta' Likwidazzjoni tat-Taxxa u ommha wkoll tghid li qatt ma rceviet dokumenti minghand id-Dipartiment tat-Taxxa ghan-nom ta' bintha, il-Qorti ma tqisx li tali dikjarazzjonijiet sodisfacentement jghelbu l-presunzjonijiet legali rizultanti mill-Ligi u kkonfermati mid-dokument Dok. "AF1" esebit minn Alex Frendo a fol. 90 tal-process.*

*Ai termini tar-Regolament 28 tar-Regolamenti dwar Servizzi Postali (Generali), Legislazzjoni Sussidjarja 254.01,* ***kull oggett postali, minbarra oggett ta' risposta kummercjali, jista' jigi kunsinnat f'indirizz iehor mill-indirizz originali tieghu f'Malta lill-istess indirizzat f'kull indirizz iehor jew minn ufficjal tal-provditur tas-servizz universali involut jew wara l-kunsinna fl-indirizz originali. Ai termini tat-Regolament 32 ta' l-imsemmija Regolamenti l-provditur ta' servizz universali hekk appuntat ghandu jipprovdi servizz ta' registrazzjoni li bih jista' jkun registrat kull oggett postali u ai termini tar-Regolament 33 ta' l-istess imsemmija Regolamenti mal-kunsinna ta' oggett postali registrat, l-indirizzat, ir-rapprezentant***

***tieghu jew membru tal-familja tieghu ghandu, sakemm ma jinghatawx struzzjonijiet kuntrarji lill-provditur ta' servizz universali involut mill-indirizzat, jaghti ricevuta tieghu bil-miktub lill-provditur ta' servizz universali: Izda meta dik ir-ricevuta ma tinghatax, l-oggett postali ghandu jitqies li ma jkunx gie kunsinnat: izda wkoll dan ir-regolament hu bla pregudizzju ghal kull ligi ohra li tirregola l-ghoti ta' ricevuti ghal oggetti postali registrati.***

*Meta d-dokument esebit minn Alex Frendo bhala Dok."AF1" a fol.90 tal-process jigi ikkunsidrat fid-dawl tar-Regolamenti appena citati necessarjament jirrizulta li l-Avviz ta' Likwidazzjoni tat-Taxxa datat 16 ta' Frar 2010 mahrug kontra r-Rikorrenti gie kkonsenjat fl-indirizz 61, Monte Carlo, Triq il-Kajjik, Marsaxlokk, li huwa l-indirizz fejn skond l-istruzzjonijiet li tat ir-Rikorrenti stess lill-Maltapost kellha tigi re-directed il-korrispondenza indirizzata lilha. Il-provi prodotti mir-Rikorrenti, li huma principalment indirizzati versu l-prova tal-fatt li b'effett mill-21 ta' Lulju 2009 ma baqghetx tirrisjedi fil-fond Nru.33 "Leo Love" Triq Melqart, Marsaxlokk, ma humiex bizzejjed biex tali rizultanza fattwali tirrizulta sufficjentement kontrastata u mqieghda fid-dubju. Fir-rigward il-Qorti ulterjorment tosserva li ghalkemm Carmen Bugeja, omm ir-Rikorrenti, tichad li l-Avviz ta' Likwidazzjoni tat-Taxxa datat 16 ta' Frar 2010 qatt wasal fl-indirizz residenzjali taghha, tali dikjarazzjoni ftit li xejn hija kredibbli meta l-istess Carmen Bugeja in risposta ghad-domanda in kontro-ezami*[15] ***mill-2010 sa' llum inti gieli rcevejt xi korrispondenza indirizzata lit-tifla tieghek minghand tat-taxxa però li giet konsenjata lilek?*** *irrispondiet le ma gewnix karti hekk, izda imbaghad mill-atti ta' l-ittra ufficjali kontestata jirrizulta li dawk l-atti gew effettivament konsenjati fl-indirizz residenzjali taghha, kwindi altru milli qatt ma rceviet korrispondenza indirizzata lil bintha.*

*Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk jirrizulta li kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrenti, ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi l-Avviz ta' Likwidazzjoni tat-Taxxa datat 16 ta' Frar 2010 gie debitament notifikat u llum, fin-nuqqas ta' oggezzjoni u/jew appell minn tali Avviz ta' Likwidazzjoni tat-Taxxa da parte tar-Rikorrenti, l-istess ghandu jitqies bhala finali u konklussiv u konsegwentement il-procedura adottata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), fil-konfront taghha ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ma hijiex intempestiva u wisq inqas hija nulla u bla effett fil-Ligi.*

---

[15] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Dicembru 2012 a fol. 60 u 61 tal-process.

*Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tordna korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri u kull fejn mehtieg fl-atti fis-sens illi d-desinjazzjoni "Kummissarju tat-Taxxi" tigi kkancellata u sostitwita bid-desinjazzjoni "Direttur Generali (Taxxi Interni), u fil-mertu tichad it-talbiet tat-Rikorrenti minnha dedotti fir-Rikors ipprezentat fit-22 ta' Marzu 2011.*

*L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mir-Rikorrenti".*

Illi l-appellanti Salvina sive Sylvia Bugeja appellat mill-imsemmija sentenza fit-termini ta' aggravju wiehed li jikkoncerna illi l-Qorti ghamlet apprezzament tal-provi u tal-fatti manifestament zbaljat billi dawn ma kellhom qatt iwasslu ghal kundanna ta'l-appellanti. Dana ghaliex hija tichad kategorikament illi qatt irceviet la direttament u lanqas f'idejn terzi l-Avviz ta' Likwidazzjoni mahrug mill-appellat Direttur Generali (Taxxi Interni) fis-16 ta' Frar 2010. Tikkontendi illi il-provi imressqa minnha kellhom jikkonvincu lill-Ewwel Qorti illi tali Avviz qatt ma wasal f'idejha.

Mis-sentenza impunjata kif ukoll mill-atti johorgu is-segwenti fatti saljenti:

1. L-appellanti bieghet propjeta immobbli gewwa Marsaxlokk lil certu Albert u Mary konjugi Debono u dana permezz ta' att pubbliku datat 21 ta' Lulju 2009. Dana ghamlitu bi tpartit ma' proprjeta immobbli ohra appartenenti lill-kompraturi gewwa Ghawdex.

2. Billi fuq il-formola DDT1 ipprezentat minn Nutar li kien qed jirredigi l-att pubbliku gie indikat bhala l-indirizz taghha l-fond mibjugh, l-intimat

appellat hareg l-Avviz ta’ Likwidazzjoni ghal finijiet ta’l-artikolu 52 tal-Kap.364 u intbaghat fl-indirizz indikat.

3. L-imsemmi Avviz gie rez finali u konklussiv billi l-appellanti ma resqitx appell ghalih fit-terminu moghti lilha mill-ligi.

4. Ghaldaqstant id-Direttur hareg l-ittra ufficjali u dana sabiex b’hekk jigi rez ezekuttiv l-avviz mibghut.

5. Illi l-appellanti permezz tal-procedura inizjati quddiem l-Ewwel Qorti ippruavt tattakka dina l-ittra ufficjali billi allegat illi hija qatt ma giet notifikata bl-Avviz ta’ Likwidazzjoni skond il-ligi.

6. Illi mill-atti jirrizulta illi l-Avviz ghal-Likwidazzjoni intbaghat permezz ta’ posta irregistrata fil-15 ta’ Frar 2010.
7. Ma jirrizultax id-data li fiha giet notifikata l-appellanti bl-Avviz billi l-ebda rekord ta’ dan ma jinzamm mid-Dipartiment, izda l-ittra ma gietx ritornata lura mill-posta u ghalhekk tqieset li wasslet ghand it-*taxpayer*.

8. Illi gieipprezentat dokument mahrug mill-Maltapost li jaghti indikazzjoni ta’l-*iter* postali li segwiet dina l-ittra registrata minn fejn johrog illi dina l-ittra giet “delivered” fl-24 ta’ Frar 2010.

9. Wara l-bejgh tal-fond proprjeta taghha f'Marsaxlokk l-appellanti ghamlet *re-direction* of address mal-posta mill-indirizz taghha ghal dak ta' ommha "Montecarlo" 61, Triq il-Kajjik, Marsaxlokk

Illi l-lanjanza ewlenija tal-appellanti hija illi l-Ewwel Qorti erronjament ikkonkludiet illi hija kienet irceviet l-avviz fl-indirizz tar-residenza ta' ommha meta dan mill-provi ma jirrizultax. L-Ewwel Qorti ibbazat il-konkluzjoni taghha fuq dak li jirrizulta mid-Dokument AF1 a fol.90, mill-konferma da parti ta'l-appellanti li kienet fil-fatt ghamlet *re-direction* ghall-posta fuq l-indirizz ta' ommha Carmen Bugeja u fuq kollox ix-xhieda ta'l-istess Carmen Bugeja li cahdet kategorikament li qatt irceviet karti mid-Dipartiment tat-Taxxa meta mill-atti irrizulta illi l-ittra ufficjali mertu tal-kawza wasslet fl-indirizz tar-residenza taghha.

Illi l-appellanti tirribatti ghal dawn il-konkluzjonijiet u issostni illi l-Ewwel Qorti tat interpretazzjoni zbaljata tad-Dokument AF1, kif ukoll tax-xhieda ta' omm l-appellanti u ukoll ta'l-appellanti stess li baqghu jichdu illi huma kienu ircevew l-avviz tal-15 ta' Frar 2010.

Illi qabel mal-Qorti tghaddi biex titratta l-aggravvji sollevati mill-appellanti thoss li huwa doveruz li jigi premess illi l-Att dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi fl-artikolu 61 tieghu il-mod kif ghandha issir in-notifika tal-Avviz ta' Likwidazzjoni meta tghid:

"**Avviż mogħti mill-Kummissarju għall-finijiet ta' dan l-Att għandu jiġi notifikat lill-persuna li lilha jkun indirizzat jew personalment <u>jew billi jintbaghat bil-posta registrata fl-indirizz tan-negozju jew privat taghha l-ahhar maghruf."</u>** (sottolinjar tal-Qorti).

Is-sub-inciz 2 imbaghad ikompli:

"**Fil-każ ta' servizz b'posta reġistrata, <u>kemm-il darba ma jiġix ippruvat il-kuntrarju,</u> l-avviż jitqies li ġie notifikat:**

**(a) fil-każ ta' persuna li tirrisjedi f'Malta, mhux iktar tard mit-tielet jum wara d-data li jiġi impostat;**

**(b) fil-każ ta' persuna li ma tkunx hekk tirrisjedi, fil-jum li jiġi wara dak li fih l-avviż kien jiġi riċevut normalment bil-posta.**"

Dana necessarjament ifisser allura illi gialdarba id-direttur appellat irnexxielu iressaq provi sufficjenti illi dina l-procedura giet segwita, l-oneru tal-prova qaleb ghal fuq l-appellanti u jinkombi fuqha li tipprova illi fil-fatt dina ma ircevietx. Li tghid l-appellanti illi dina l-ittra ma irceviethiex u tieqaf hemm, ma huwiex bizzejjed. Kieku kellha tigi accettata tali sitwazzjoni jispicca l-valur tal-ittri registrati u jkun facli li wiehed jevadi li jircevi ittri simili billi ighid semplicement illi dina l-ittra ma wasslitlux.

Illi dana il-hsieb kien gie imfisser f'sentenza antika tal-Qorti fejn inghad:

**"F'xi ligijiet specjali, aktarx recenti u modellati fuq legislazzjoni Ingliza, hemm mahluqa, dwar ittri mibghutin bil-posta u specjalment ittri registrati, certi presunzjonijiet rigward ir-ricezzjoni taghhom. Xi drabi dawn il-presunzjonijiet huma *prima facie* ta' prova kuntrarja u xi drabi konluzivi. ….**

**Jista forsi jinghad illi ghalina wkoll tapplika dik il-prezunzjoni generali li fis-sistema probatorju Ingliz titwieled minn dak li jghidulu ir-*regular course of business in a public office*, bazata fuq il-probabbilita li dak li jsir u jigri s-soltu sar u gara wkoll fil-kaz. Bis-sahha ta' din il-prezunzjoni, anki apparti minn kull disposizzjoni statutorja, fl-Ingilterra, huwa ritenut illi *if a letter properly directed is proved to have been either put into the post office, or delivered to the postman, it is presumed to have reached its destination at the regular time and to have been received by the person to whom it was addressed* (ara Taylor – Law of Evidence)**[16]."

Illi fil-kaz in dizamina ma hemmx prova illi l-ufficjal postali ma mexiex b'regolarita fl-esekuzzjoni tad-doveri tieghu. Dana jixhdu d-Dokument AF1 li ghalkemm l-attrici appellanti tipprova tattakka il-validita tieghu u issostni illi l-kliem imnizzel fih ma iwassal ghall-ebda konkluzjoni dwar jekk l-ittra wasslitx ghandha, hemm terminu wiehed li ma ihalli l-ebda dubbju ta' interpretazzjoni u cioe' l-ahhar kliem fid-dokument "**Final Delivery**" fl-24 ta' Frar 2010. Meta wiehed iqabbel dina l-frazi mal-frazi "attempted Delivery – Unsuccessful" fid-dati tad-19 u l-20 ta' Frar 2010 (u cioe' jumejn wara li l-Avviz hareg mid-Dipartiment), ma jkun hemm l-ebda dubju illi l-frazi imnizzla hdejn id-data tal-24 ta' Frar ma tista' tfisser xejn ghajr li l-ittra waslet fid-destinazzjoni ahharija taghha. Il-Qorti ghalhekk ma tara l-ebda raguni 'il ghala ghandha tiddipartixxi mill-interpetazzjoni tad-Dokument moghti mill-Ewwel Qorti u cioe' illi wara li

[16] Francis Vella vs Carmel Caruana deciza 05/06/1959

sar r-*re-direction* ta'l-ittra fuq l-indirizz moghti mill-istess appellanti lill-Ufficcju Postali, l-ittra wasslet f'idejn id-destinatarja taghha u cioe' f'idejn l-appellanti.

L-appellanti ma tressaqx provi sufficjenti sabiex twaqqa' dina l-prezunzjoni kif imsahha bil-provi imressaq mill-intimat appellat. Tghid biss illi l-avviz qatt ma wasal f'idejha korroborata minn ommha li wkoll tishaq li ma irceviet l-ebda ittra ghan-nom ta' bintha wara li l-istess bintha tghat struzzjonijiet lill-Ufficcju Postali biex jinqaleb l-indirizz postali taghha minn fuq il-proprjeta li kienet ghadha kemm bieghet ghal fuq dak ta' ommha. Fuq kollox kien jinkombi fuq l-appellanti bhala *taxpayer* illi tindika indirizz fejn tirrisjedi jew fejn tista' tircevi il-posta taghha.

Maghdud dana kollu il-Qorti thoss illi ghandha tosserva illi illum fejn avviz ghandu effett ta' att ezekuttiv jekk jibqa mhux impunjat ghandu jigi innottifikat lit-*tax payer* b'sistema fejn ikun hemm prova f'idejn id-Dipartiment illi dik l-ittra waslet ghand ir-recipjent u mhux b'semplici ittra registrata.

Ghal motivi surriferiti ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma illi l-lanjanzi imressqa 'il quddiem mill-appellanti dwar dak deciz fis-sentenza appellata ma jisthoqqux akkoljiment.

Ghaldaqstant l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandha tbaghtihom l-appellanti Salvina Bugeja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------